MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 207/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Cassar)**

**Vs**

**Alfred Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Jannar, 2005 u granet qabel din id-data, minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel xi haga kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha ilma ghalih jew,**

**b’xi mod iehor kontra l-ligi, ndahal fi hwejjeg haddiehor, billi sposta materjal fl-istess art u ta bidu ta’ xoghol ta’ thaffir.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju, 2005, li biha wara li rat l-Artikoli 85 tal-Kap. 9 u 321 tal-Kap. 10, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u filwaqt li kkundannatu ghal multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50), ordnat l-izgumbrament fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi l-appellant jigi ddikjarat mhux hati w kwindi liberat skond il-ligi w minghar pregudizzju, f’kaz li l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena/sanzjoni billi minflok tigi mposta piena/sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- li fl-ewwel lok irid jigi pruvat li min qed jallega li gie mfixkel fit-tgawdija, jrid jipprova li hu kellu l-pussess tal-haga w dan ma sarx. Fic-citazzjoni taghha quddiem il-Prim’ Awla, di fatti, Maria Dolores sive Doris Debono kienet ippremettiet li kien l-appellant li kellu l-pussess tal-art in kwistjoni minn Jannar 1978 . Ghalhekk l-azzjoni u taht l-artikolu 85 tal-Kap.9 ma setghetx tirmexxi u ghalhekk hu kellu jigi dikjarat mhux hati. Illi din il-kawza kienet biss tentattiv fjakk minn Debono biex tiehu dak li ma rmexxilix tieghu b’mod civili . Illi wara li nghatat is-sentenza fil-kawza civili fl-ismijiet ”Maria Dolores sive Doris Debono vs. Alfred u Doris konjugi Galea” fid-29 t’ Ottubru, 2004, l-appellant agixxa b’ mod civili u ma qabadx u bena’ l-hajt “boundary wall” imma ghamel dan wara li gab il-permess mill-MEPA . Debono pero’ xorta ghamlet din il-kawza w tablet ritrattazzjoni tal-kawza civili bil-ghan li takkwista dak li mhux taghha.**

**Illi ma jirrizultax li l-appellant ha l-ligi b' idejh. Bla pregudizzju, s-sanzjoni tal-izgumbrament fi zmien xahar hija insostenibbli u ma hix kontemplata fl-artikolu 377 (3) tal-Kap.9 un lanqas ghandha rabta fattwali mall-bini tal-"boundary wall". Illi s-sentenza appellata hija diametrikament opposta ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet fuq citati.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xiehda mill-gdid ;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkunsidrat ;**

NICHOLAS DEBONO **xehed li l-kawza tirrigwarda bicc' art li tinsab fi Triq il-Qrenpuc, Marsaskala li l-appellant okkupaha, dahal go fiha w beda jizviluppaha, billi bena boundary wall. Kien hemm kawza civili imma din ma din ma kienetx fuq din l-art imma fuq kamra. Xi sena ilu l-Qorti tal-Appell (Civili) kienet iddecidiet li oht ix-xhud Dolores sive Doris Debono ma kienetx ippruvat li l-art fejn l-appellant kien bena kamra kienet taghha. Dwar dis-sentenza hemm proceduri ta' ritrarrazzjoni. Malli l-Qorti ddecidiet dan , l-appellant qabad u okkupa l-kumplament u bena kif jindikaw ir-ritratti esebiti. Ma ttiehdux passi civili fuq din l-okkupazzjoni tal-ahhar u cioe' fuq l-art adjacenti ghall-kamra li kien benha u li kienet il-mertu tal-kawza civili. Ix-xhud ghamel riferenza ghal-elenku tad-dokumenti li jinsab a fol. 16 tal-process u ghall-kopja tac-cedola ta' rkupru tal-art kollha maghrufa bhala Gebel Hanxun , Marsaskala minn Francesco Debono, missier Maria Dolores Debono, liema rkupru sar fit-3 ta' Novembru,1947. (fol. 17). Hemm umbaghad assenjazzjoni mill-ahwa**

**Gustav u Nicholas Debono lill-ohthom Maria Dolores Debono ta' l-art in litigazzjoni, in atti Nutar Joseph Sciberras fit-12 ta' Novembru, 1978. (fols. 18 sa 23) Hemm umbaghad koncessjoni emfitewtika mill-ahwa Debono flimkien lil Malta Properties Limited li tinkludi l-plot numru 6 fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona tas-7 ta' Dicembru,1966 (fol.40). Hemm ukoll koncessjoni emfitewtika ta' 1200 pied kwadru circa mill-ahwa Debono lil David Wheeler fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tat-8 ta' Novembru, 1968 (fol. 40). Dawn id-dokumenti kollha jippruvaw it-titolu ta' ohtu. Hemm umbaghad att korretorju fl-atti tan-Nutar Sciberras tat-3 t' April, 2003 u estratt mir-relazzjoni. (fol.45)**

**Ix-xhud kompla jghid li wara s-sentenza t' Ottubru, 2004, l-appellant dahal f' din l-art u beda jhaffer . Din l-art kienet ilha ghandhom mill-1947. L-appellant u martu kienu kellmu lill-oht ix-xhud biex jixtru din l-art, kif anki xehdet fil-Qorti .**

**Fil-kontroezami, qal li l-appellant kien ilu li xtara hemm fil-1967 jew 1969. Hu kien zviluppa l-art u l-appellant kien ihallas ic-cens fuq id-dar tieghu. L-art in kwistjoni kienet zdingata w kellha zewg harrubiet, wahda minnhom qattaghha u l-ohra ghadha hemm u huma ma setghux jaraw x' kien ghamel biex bena l-kamra ghax kienet mghottija bil-harruba. Il-kawza civili kienet biss fuq it-"toolshed" u mhux fuq l-art ta' madwarha. Meta bi qbil giet esebita pjanta dokument AP, ix-xhud qal li fejn hu mmarkat bl-isfar hemm ix-"shed". Umbaghad hemm sinjal li jindika l-estensjoni li okkupa wara s-sentenza tal-appell.**

MARIA DOLORES sive DORIS DEBONO **xehdet li fil-bidu tas-sena 2005, hija kienet marret thares u sabet li l-appellant kien ghamel bini fuq l-art in kwistjoni, li hija taghha. Dan kien wara li nqatghet is-sentenza fil-kawza civili f' Ottubru, 2004. Ghalhekk irraportaw lil Pulizija.**

FRANCIS DEBONO **xehed li hu jigi t-tifel tax-xhud Nicholas Debono u n-neputi ta' Maria Dolores Debono. Hu kien jghaddi jaghti daqqa t' ghajn peress li zijtu toqghod il-boghod u ra li l-appellant kien qed jahdem f' din l-art. Dan kien ezatt wara l-kawza li kienet inqatghet fuq bicc' art ohra fid-29 t' Ottubru, 2004. Hu kien ha zewg ritratti biex jikkonferma li kien qed jahdem. (fol. 53) Fil-fatt ir-ritratt juri li l-appellant kien qed jahdem hemm u jgholli z-zappun u jhammel l-art. Illum hija mibnija bil-bricks diga'. Dan kien xi xahar wara li nqatghet is-sentenza fuq kamra ta' wara. Qabel hemm kien hemm haxix.**

L-APPELLANT **xehed li hu kien irritorna Malta wara hafna zmien imsiefer fis-servizz Ingliz u xtara. Hu kien stenna s-sentenza tad-29 t' Ottubru, 2004, gab lill-Perit Farrugia jerga ikejjillu, applikaw lil MEPA wara li l-Perit Farrugia meta kejjel skond il-kuntratt tal-20 ta' Jannar, 1967 u dak tat-8 ta' Novembru, 1967, gabhom li l-area kienet tappartjeni lilu. Gie l-permess u hu bena' "boundary wall". Ix-xoghol bdieh wara li gie l-permess f' Jannar, 2005. Fuq din l-art hu kien dejjem jaqta' l-kappar hames xhur fis-sena u hadd qatt ma kien jghidlu xejn mill-1978 ghax jaf li kienet tieghu. Hu l-kamra bidlilha l-gebel u ghamillha frakass u dejjem jheda hemm.**

**In kontro-ezami l-Appellant xehed li l-kawza li nqatghet mill-Appell Civili ma kienetx fuq il-kamra. Meta gie Malta d-dokumenti ma kienux tawhomlu w ghalhekk ma jafx x' kellu u ma kellux. Dak li xehed Nicholas Debono ma kienx veru assolutament. Minn meta hu kien gie lura minn barra fil-1978, dejjem kien jidhol fuq din l-art. Kien jinzel zewg knaten u jidhol fiha minn fuq il-"boundary wall" tal-gnien tieghu. Hu qatt ma kellem lil tal-familja Debono fuq din l-art, lanqas qabel il-kawza.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion**

**fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-**

**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;**

**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**

**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u**

**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**

**(Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" **[17.2.95] ; "I**l-Pulizija vs. Reno Micallef" **[6.6.95]) u ohrajn )**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jibda' biex jintqal li mill-ezami akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet fuq citati (fols. 3 sa 14 tal-process) jidher li dik il-kawza kienet limitata ghall-azzjoni rivendikatorja ezercitata mill-kwerelanti odjerna fuq bicc-art li fuqha l-appellant odjern kien bena kamra bhala *toolshed*, liema art kienet tigi magemb il-gnien tad-dar tieghu. Din l-azzjoni tal-kwerelanti kienet irmexxiet fil-prim' istanza pero' falliet quddiem il-Qorti tal-Appell ghax dik il-Qorti rriteniet li l-attrici ma ppruvatx li l-art adjacenti ghall-gnien tal-appellant odjern kienet taghha u dan minkejja li seta' deher li lanqas ma kienet tifforma parti mill-art originarjament akkwistata mill-appellant odjern.**

**Illi l-appellant, inkoraggit b' din id-decizzjoni, jidher li zied l-aptit ghall-"lebensraum", ossia ghall-aktar spazju, u minnufieh ghadda biex okkuppa w ikkappara l-bicc' art adjacenti, li qabel kien jidhol fiha biex jaqta' l-kappar hames xhur tas-sena, billi**

**dawwarha b' *boundary wall* u annetiha ma l-proprjeta' tieghu. Illi jintqal mill-ewwel li l-fatt li l-appellant jidher li ottjena l-permess tal-MEPA biex jibni l-istess *boundary wall* , ma jikkonferixxi fuqu ebda dritt per se ghaliex , kif jidher mid-dokument a fol-90 tal-process , il-permess inhareg <u>"subject to third party civil rights".</u>**

**Illi f' dan il-kaz il-kwerelanti m' ghandix ghalfejn tipprova t-titolu taghha ta' proprjeta' fuq l-art mertu ta' din il-kawza, ghaliex din mhux kawza rivendikatorja, w bizzejjed li tipprova li l-art kienet fil-pussess taghha u mhux fil-pussess tal-appellant. Li l-art ma kienetx fil-pussess tal-appellant jirrizulta minn kliemu stess meta xehed li hu kien jidhol f' din l-art billi jinzel minn fuq xi zewg cnagen li kien hemm magemb il-*boundary wall* tal-art tieghu w kien jaghmel dan biex minn din l-art jaqta' kappar. Issa hu ovvju li meta kien jidhol fuq din l-art l-appellant kien jaghmel hekk b' mod sporadiku ghax mhux probabbli li kien joqghod jaqta' l-kappar kull jum u kull hin ghal hames xhur fis-sena u hu ovvju li dan kien isir ta' kulltant. Biex jaghmel dan jidher li kien jaqbez mill-art li kienet fil-pussess tieghu ghal gol-art <u>ta' magembu</u> w mhux ghaliex din l-art kienet fil-pussess tieghu.**

**Illi meta nqatghet il-kawza li kienet biss tirrigwarda l-annessjoni tal-art fejn hu kien bena kamra jew *toolshed* u l-Qorti tal-Appell (Civili) qalet li f' dik il-kawza l-attrici (llum kwerelanti) ma ppruvatx it-titolu taghha ta' proprjeta', l-appellant, minnkejja li kien jaf li l-kwerelanti ghandha pretensjoni fuq din l-art - tant li sahansitra sa issa ghad hemm kawza ta' ritrattazzjoni dwarha – qabad u ghamilha fatta li jista' *di proprio braccio* jannettiha mall-art tieghu bil-bini ta' *boundary wall* u b' hekk jiehu l-ligi b' idejh, minnflok ma rrikorra ghal xi dikjarazzjoni *"ope magisterium*" li l-art in disputa hija effettivament tieghu. Illi dan l-istat ta' fatt, fil-fehma ta' din il-Qorti, jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-"*exercise of a pretended right*" jew *"ragion fattasi"* , ghax l-appellant bil-bini tal-*boundary wall* gdid ghamel att estern li bih effetivament spolja lill-**

**kwerelanti minn art li kienet qed tgawdi u dan l-att, li gie esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta , tal-kwerelanti , sar bil-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt u bil-koxjenza fl-appellant li hu kien qieghed jaghmel *"di privato braccio"* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika .**

**Illi jigi osservat li fil-kaz ta' tgawdija ta' art, mhux mistenni li s-sid, biex juri li ghandu dak it-tgawdija jew il-pussess, necessarjament jaghalqha b' xi hitan jew itella xi bandiera fuqha jew iwahhal tabelli biex jindika lil-art hija tieghu jew li joqghod ghassa maghha lejl u nhar biex jara li hadd ma jidhollu fiha. Bizzejjed il-pussess kostruttiv jew nozzjonali li johrog minn xi kuntratti, testmenti jew pussess mhux interrott ghal certu zmien. F' dan il-kaz partikolari l-kwerelanti kienet ghamlitha altru milli cara li tippretendi li dik l-art kienet taghha w kienet ilha f' kawza mall-appellant odjern sa mill-1995, issostni dan. Bl-esebizzjoni tad-dokumenti esebiti f' dal-process kien hemm altru prova li l-kwerelanti kienet tivvanta dritt ta' tgawdija fuq l-art de quo u l-appellant ma kellu jkollu ebda dubju dwar dan . Is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Civili) b'ebda mod ma ddecidiet li l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tieghu. Cio' nonostante, hu ddecieda li jannetti l-art in kwistjoni daqs li kieku kienet proprjeta' tieghu. Dan hu proprju l-*fatto compiuto* li l-ligi trid tipprevjeni w tippunixxi bl-artikolu 85 tal-Kap.9.**

**Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta'** "ragion fattasi" **dedott kontra tieghu w l-aggravji dwar is-sejbien ta' htija qed jigu respinti.**

**Illi fir-rigward tal-aggravju dwar il-provvediment tar-ripristinazzjoni kontenut fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ordnat l-izgumbrament (prezumibbilment tal-art interkjuza mill-"*boundary wall*") fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9. Illi meta ghamlet dan, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha t-talba kontenuta fil-komparixxi sabiex, minnbarra l-piena**

**stabilita, hi tordna lill-appellant inehhi l-inkonvenjent taht penali ta' mhux inqas minn LM2 kulljum jekk dan jibqa' ma jottemperax ruhu mall-ligi.**

**Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti meta qalet liema artikoli rat, irriproduciet l-artikoli ndikati lilha mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi (fol. 1) u oltre l-artikolu 85 tal-Kap.9, semmiet l-artikolu 321 tal-Kap.10, fil-fatt meta giet ghall-provvediment , iccitat l-artikolu 377 (3) tal-Kap.9 . Ghall-precizjoni jigi rilevat li dan hu proprju l-artikolu li tahtu kellu jsir dan il-provvediment u mhux l-artikolu 321 tal-Kap.10, li hu applikabbli <u>biss f' kaz ta' kontravvenzjonijiet</u> (u prezumibbilment dawk kontemplati fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija biss). Izda dan b' ebda mod ma jgib in-nullita' tas-sentenza appellata. F' l-ewwel lok ghax dan mhux l-artikolu tal-ligi li tahtu nstabet htija (l-art. 85 tal-Kap.9) li gie citat korrettement. Fit-tieni lok ghaliex, f' kull kaz, l-Ewwel Qorti fil-parti tas-sentenza fejn ordnat il-provvediment, iccitat l-artikolu korrett u cioe'l-art. 377 (3) tal-Kap.9.**

**l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taghmel provvediment skond l-artikolu 377 (3), pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, dak il-provvediment kien imissu kien cirkoskritt u limitat ghat-twaqqiegh tal-"*boundary wall"* mibni mill-appellant u ma kienx il-kaz li l-appellant jigi ordnat jizgombra, partikolarmnt meta ma ordnatx minn x' hiex kellu jizgombra w meta ma ffissatx penali fin-nuqqas tal-ottemperanza ma dik l-ordni. Dwar dan l-ahhar nuqqas pero' ma sar ebda appell mill-Avukat Generali u din il-Qorti ghalhekk hija prekluza milli timponi xi penali hi stess fic-cirkostanzi. F' dan is-sens biss it-tielet aggravju tal-appellant jidher gustifikat u ghalhekk hemm lok ghall-modifikazzjoni tal-ordni maghmul mill-Ewwel Qorti.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w in kwantu hu gie kkundannat ihallas multa ta' Lm50 u revokata in**

**kwantu ordnat lill-appellant jizgombra (Sic!) fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kap.9 u minnflok qed tordna lill-appelant li jwaqqa u jiddemolixxi kompletament il-*boundary wall* li huwa bena fi zmien xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 377 (3) Tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------